MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 118/2002/1

**Joseph Portelli u Carmen Vella**

**v.**

**Paul Portelli, Peter Paul Portelli, l-Avukat Dr. Chris Said li b'digriet tat-23 ta' Dicembru 2002, gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefer William Portelli, u b'nota tat-22 ta' Jannar 2003, Dr. Alfred Grech assuma u accetta l-bandu ghan-nom ta' l-imsiefer William Portelli; u b'nota tal-15 ta' April 2003, William Portelli assuma l-atti tal-kawza stante li jinsab f'dawn il-gzejjer, u b'nota tat-13 ta' Gunju 2003,**

**Dr. Alfred Grech assuma l-atti tal-kawza minflok William Portelli li jinsab imsiefer**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mill-atturi minn sentenza <u>in parte</u> moghtija fil-11 ta' Mejju 2004, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, li fiha gie deciz hekk,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi huma kopropjetarji ta' bicca raba maghrufa bhala "Tal-Bitha" fil-limiti tan-Nadur tal-kejl ta' disat-itmiem liema raba tifforma parti mill-ereditajiet tal-genituri taghhom, il-mejtin Salvu u Maria Portelli u mertu ta' kawza ghal divizjoni ta' l-istess ereditajiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti li ma tantx hemm cans li tinqata malajr;

"Illi sakemm tinqata l-imsemmija kawza ta' divizjoni huma jridu li jahdmu din ir-raba komuni pero' ma jistghux jaqblu kif jistghu jahdmuha bejniethom minghajr ma jinqala' l-inkwiet.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. tindika lill-kontendenti liema parti mill-imsemmija raba 'Tal-Bitha' fuq indikata ghandu kull wiehed minnhom jokkupa u jahdem u dana sakemm ikun hemm divizjoni definittiva fil-kawza ta' divizjoni li tinsab pendenti bejniethom u dana permezz ta' perit nominandi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa minn Joseph Portelli.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Chris Said nomine li eccepixxa illi:

"1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine mahlufa minnu.

“Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Portelli li eccepixxa:

“1. Illi l-konvenut Peter Paul Portelli qatt ma oggezzjona li r-raba ‘Tal-Bitha’ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tinhadem mill-eredi kollha tal-mejtin Salvu u Maria konjugi Portelli, anzi jrid li huwa wkoll jahdem parti minn din l-istess raba stante li prezentament m’ghandu l-ebda parti f’idejh;

“2. Illi ghalhekk huwa m’ghandu jbati l-ebda spejjez f’din il-kawza aktar u aktar meta din il-kawza hija intempestiva;

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut mahlufa minnu.

“Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Portelli li biha eccepixxa:

“1. Illi in linea preliminari, din ic-citazzjoni hija irrita, monka u nulla ghaliex hija priva minn kull fondament guridiku . Ma huwiex moghti dritt lil xi ko-eredi illi jitlob illi fil-mori tal-kawza ta’ divizjoni ta’ assi ereditarji, it-tgawdija ta’ xi raba partikolari formanti parti biss minn dak il-wirt tinqasam bejn uhud biss fost il-kondividenti . Ghaldaqstant l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba odjerna hija biss wahda frivola u vessatorja peress illi ghalkemm l-atturi qeghdin jitolbu il-permess sabiex jahdmu din ir-raba, huma ghandhom raba iehor formanti parti mill-assi ereditarji tal-genituri taghhom fil-pussess taghhom, u dan ir-raba jinsab abbandunat u zdingat, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut mahlufa minnu.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut William Portelli li eccepixxa illi:

"1. Illi tezisti kawza ghad-divizjoni tal-proprjeta' posseduta in komun u ghalhekk peress li t-talba f'din il-kawza hija wahda ta' natura provizorja, dina l-kawza (sic) setghet facilment saret f'din il-kawza.

"2. Illi fil-mertu li l-konvenut huwa wiehed mill-komproprejetarji ghalhekk huwa ma jopponix ghat-talba attrici.

"3. Illi l-eccipjenti m'ghandux ibati spejjez ghal din il-kawza.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu mahlufa.

"Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Paul Portelli.

"Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-istess konvenut u n-nota responsiva ta' l-atturi dwar din l-eccezzjoni .

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut Paul Portelli jikkontendi illi mhux moghti d-dritt lil ko-eredi li fil-mori ta' kawza ghad-divizjoni ta' assi ereditarji u sakemm tinqata' din il-kawza, jitlob li t-tgawdija ta' xi raba partikolari formanti parti minn dan il-wirt tinqasam bejn uhud mill-kondividenti biss . Mhux kontestat illi bejn il-kontendenti

hemm pendenti kawza ghad-divizjoni tal-beni ereditarji tal-genituri taghhom[1] . L-anqas hemm ebda dubbju illi talba ghat-tgawdia tal-beni formanti parti l-eredita' in divizjoni tista' wkoll ssir *pendente lite* l-hekk imsejha *actio familiae erciscundae.* Infatti nsibu jinghad fid-dottrina legali illi : "*Potra' il magistrato essere adito per provvedimenti provisionali relativi al miglior godimento della cosa comune, ed il magistrato come provvedimento provvisionale statuire che ciascun partecipante abbia in esclusione degli altri il godimento di singole cose alla comunione appartenenti, ma non puo' statuire che ciascun partecipante ne abbia la proprieta' esclusiva* …"[2] Normalment talbiet simili jsiru fl-istess kawza ghad-divizjoni, imma ma jidher illi hemm xejn fil-ligi taghna li tipprojbixxi li jsiru talbiet *ad hoc* f'dan ir-rigward . Il-gurisprudenza ccitata mill-konvenut Paul Portelli fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu[3] ma jidhirx illi hija applikabbli ghal kaz in ezami, ghaliex f'dawk il-kawzi kienet qed tintalab id-divizjoni parzjali ta' xi oggetti formanti parti l-eredita' li kienet ghadha mhux likwidata, jew inkella d-dikjarazzjoni dwar il-kwota spettanti lill-ko-eredi minn xi beni qabel ma l-eredita' kollha tkun giet likwidata, li certament mhux il-kaz fit-talba prezenti .

“Ghandhom ragun josservaw ukoll l-atturi illi l-artikolu 494 tal-Kodici Civili jippermetti lill-komproprjetarji jitolbu lill-Qorti tiddecidi kif dawn ghandhom igawdu l-haga komuni, u ma ssir ebda distinzjoni dwar jekk ikunx hemm kawza ghad-divizjoni pendenti jew le . Imma l-istess artikolu tal-ligi jistipula illi biex il-Qorti tkun tista' taghmel dan, ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fehma tal-komproprjetarji kollha[4] . Naturalment biex ikun jista' jsir dan iridu jkunu kompartecipi fil-kawza il-proprjetarji kollha, halli l-Qorti wara li tisma' x'ghandhom xi jghidu, tkun tista' tasal biex tiddecidi kif l-ahjar tista' ssir it-tgawdija sakemm issir id-divizjoni proprja. Jirrizulta pero' illi hemm persuni

---

[1] Citaz. nru. 70/1993 quddiem din il-Qorti wkoll .

[2] Digesto Italiano vol. XXII. pte. 4 voce Successioni : Azioni Ededitarie para. 46 pag. 631.

[3] ara in partikolari : John Fleri noe. vs Frank Caruana : Appell : 29.4.1935; kollez. vol. XXIX. I. 1203 b u l-gurisprudenza hemmhekk ikkwotata.

[4] art. 494 (2) tal-Kap. 16.

ohra li wkoll huma kompartecipi fid-divizjoni ta' l-eredita' ta' Salvu u Maria konjugi Portelli, genituri tal-kontendenti, li ma gewx inkluzi fil-proceduri prezenti u lanqas qatt intalbet il-kjamata fil-kawza taghhom . L-atti tal-kawza ta' divizjoni msemmija, jikkonfermaw illi tassew jirrizulta li thallew barra tnejn mill-ulied ta' l-istess konjugi Portelli, u cioe' Rita Portelli u Kathleen Mazzetta[5].

"L-atturi jikkontendu illi l-konvenut Paul Portelli ma setax iqajjem din l-eccezzjoni ulterjuri permezz tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu . Imma dan mhux minnu, ghaliex l-istess konvenut jaghmel referenza ghal dan il-fatt fl-istess eccezzjoni preliminari tieghu li qed tigi ttrattata f'din is-sentenza, meta jghid illi t-tgawdija ta' bicca raba' formanti parti mil-wirt ma tistghax **tinqasam bejn uhud biss fost il-kondividenti.** [6]

"Ghaldaqstant billi jirrizulta illi ma gewx citati l-kondividenti kollha li ghandhom interess fl-assi formanti parti l-eredita' in divizjoni, u ghalhekk il-gudizzju mhux integru, tiddecidi dwar din l-eccezjoni preliminari billi tilqa' l-istess eccezzjoni u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi."

## <u>L-APPELL TA' L-ATTURI PROPRIO ET NOMINE</u>

2. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u intavolaw appell minnha fuq sensiela ta' aggravji li jistghu jigu sintetizzati kif ser jinghad:-

(i) illi flok ma' l-ewwel Qorti llimitat ruhha biex tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari li fiha ghalkemm <u>obiter</u> qalet li din il-kawza setghet issir, imbaghad ghaddiet biex tiddeciedi u tilqa' eccezzjoni li ma nghatat formalment minn hadd;

(ii) illi l-eccezjoni tan-nuqqas ta' l-integrita` tal-gudizzju ma nghatat minn hadd mill-konvenuti imma kemm issemmiet fin-nota ta' l-osservazzjoni li kellha tkun fuq

---

[5] ara okkju tal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti wkoll : Citaz. nru. 70/1993.

[6] ara Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvent Paul Portelli a fol. 22 tal-process.

jekk din il-kawza setghetx issir la darba hemm dwarha kawza ta' divizjoni;

(iii) illi f'kull kaz ma saret l-ebda prova dwar din l-eccezzjoni, lanqas ma gew allegati l-atti tal-kawza ta' divizjoni. Kieku sar hekk il-Qorti kienet issir taf li l-persuni involuti m'humiex werrieta imma legittimarji;

(iv) illi l-legittimarji u legatarji m'humiex werrieta imma semplicement kredituri ta' l-assi ereditarji – kwindi huma biss il-werrieta li setghu jitqiesu bhala l-unici komproprjetarji ta' l-assi ereditarji;

(v) illi f'din il-kawza l-imsemmija Rita Portelli u Kathleen Mazzetta ma gewx imhollijin barra bi zvista imma ghar-raguni li huma m'ghandhom ebda <u>locus standi</u> f'din il-procedura. L-appellanti ghalhekk talbu r-revoka tas-sentenza tal-11 ta' Mejju 2004, u li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkun tista' tkompli tiddecidiha fuq il-mertu bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT KONVENUT PAUL PORTELLI</u>**

3.1 Il-konvenut Paul Portelli, ko-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita illi tigi kkonfermata interament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

3.2 Skond l-appellat anke jekk tkun qeghda tintalab il-qasma tat-tgawdija biss pero` l-assi u l-beni jkunu kollha inkluzi fil-wirt, xorta in effetti tkun qeghda tintalab divizjoni parzjali, u bhala tali din l-azzjoni m'hijiex permessa skond il-ligi civili taghna u ghandha tigi michuda. F'kull kaz, il-prezenza tal-legittimarji hija mehtiega ghall-integrita` tal-gudizzju.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Din il-vertenza tirrigwarda talba ad istanza ta' l-atturi appellanti sabiex, fil-pendenza ta' kawza ta' divizjoni ta' proprjeta` derivanti minn wirt, l-hekk imsejha <u>actio familiae erciscundae</u>, u billi wkoll sakemm tinqata' l-imsemmija

kawza ta' divizjoni l-atturi wrew il-hsieb li jridu jahdmu xi raba possedut in komun u li dwar dan ma hemmx qbil bejn il-kondividendi, talbu lill-Qorti biex din tindika lill-kontendenti liema parti mill-imsemmija raba maghrufa semplicement bhala "tal-Bitha", limiti tan-Nadur, Ghawdex, ghandu kull wiehed minnhom jokkupa u jahdem sakemm issehh divizjoni definittiva.

5. Fost l-eccezzjonijiet li gew sollevati mill-konvenut appellat Paul Portelli kien hemm is-segwenti:
"Illi, in linea preliminari, din ic-citazzjoni hija irrita, monka u nulla ghaliex hija priva minn kull fundament guridiku. Ma huwiex moghti dritt lil xi ko-eredi illi jitlob illi fil-mori tal-kawza ta' divizjoni ta' assi ereditarji, it-tgawdija ta' xi raba partikolari formanti parti biss minn dak il-wirt tinqasam bejn uhud biss fost il-kondividenti [recte: kondividendi]. Ghaldaqstant l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."

6. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, filwaqt illi rrikonoxxiet illi l-Artikolu 494 tal-Kodici Civili jippermetti tassew – kif talbu l-atturi fl-att tac-citazzjoni – li l-komproprjetarji jitolbu lill-Qorti tiddeciedi kif dawn ghandhom igawdu l-haga komuni bla ma ssir ebda distinzjoni jekk ikunx hemm kawza ghad-divizjoni pendenti jew le, in segwitu dehrilha li ghandha tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti ghar-raguni li fl-atti tal-kawza ta' divizjoni (Citazzjoni numru 70/1993) li hemm pendenti bejn il-kontendenti,
"….. jirrizulta li thallew barra tnejn mill-ulied ta' l-istess konjugi Portelli, u cioe` Rita Portelli u Kathleen Mazzetta."

7. L-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-atturi jistghu jigu trattati flimkien ghax huma intimament konnessi bejniethom. Skond l-atturi appellanti, flok ma' l-ewwel Qorti llimitat ruhha biex tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari surreferita "tat sentenza li fiha ghalkemm <u>obiter</u> qalet li din il-kawza setghet issir, imbaghad ghaddiet biex tiddeciedi <u>u tilqa' l-eccezzjoni li ma nghatax formalment minn hadd</u>" (sottolinear tal-Qorti). Skond l-atturi, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' l-integrita` tal-gudizzju ma nghatat minn hadd

mill-konvenuti "imma mbaghad issemmiet mill-konvenut Paul Portelli fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu….."

8. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti, sal-mument li giet biex taghti s-sentenza appellata kellha quddiemha zewg punti x'tiddeciedi. Il-punt ta' tluq kien dwar jekk l-atturi setghux jew le, fil-pendenza ta' kawza ta' divizjoni ta' l-assi ereditarji bejn il-kontendenti, jintavolaw azzjoni bhax-xorta li ghamlu. L-ewwel Qorti, wara li bbazat ruhha principalment fuq l-Artikolu 494 tal-Kodici Civili (Kap. 16) iddecidiet li tali azzjoni hija konsentita fis-sens li setghet issir. Din il-Qorti hija ghal kollox konkordi ma' din il-parti tad-decide, u effettivament ma sar l-ebda appell incidentali da parti tal-konvenuti dwar dan. Dan qieghed jinghad ukoll ghar-raguni li ghalkemm ma giex intavolat appell incidentali mill-parti konvenuta, il-konvenut Paul Portelli ghadu jinsisti, tramite r-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell, li bid-divzjoni pro tempore tat-tgawdija ta' l-assi ereditarji "xorta in effetti tkun qed tintalab divizjoni parzjali ta' l-istess assi ereditarji". Din il-Qorti taghmilha cara li tali tezi hija wahda skorretta u hija ma taqbilx maghha. Fil-fatt l-ewwel sentenza ma tghidx hekk. L-imsemmi konvenut Paul Portelli, filwaqt li wiegeb li s-sentenza appellata timmerita konferma, fl-istess waqt jikkontradici lilu nnifsu meta jissottometti li kawza bhal din in ezami lanqas ma setghet issir. Din m'hija xejn ghajr kontradizzjoni lampanti. F'kull kaz jerga' jinghad li ma sar ebda appell incidentali fir-rigward ta' xi parti mis-sentenza moghtija.

9. It-tieni punt li kellha tiddeciedi l-ewwel Qorti huwa jekk, darba li l-atturi kellhom tassew dritt li jagixxu kontra l-konvenuti, kienx hemm xi ostakolu ta' natura procedurali li kien jirrendi l-azzjoni attrici bhala wahda monka u konsegwentement nulla. Dwar dan il-punt, l-atturi appellanti qeghdin imorru oltre billi jinsistu li darba li ma gietx sollevata espressament u b'mod car l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi dwar eccezzjoni simili a bazi tal-fatt illi tali eccezzjoni ssemmiet fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti.

10. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, jidhrilha li dan l-aggravju ta' l-atturi ghandu certa fondatezza. Ghandu jinghad ukoll li l-objezzjoni ta' l-atturi dwar din l-eccezzjoni kienu gja` ssollevawha fin-nota responsiva taghhom quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet pjena konsiderazzjoni ta' tali obbjezzjoni u finalment irriteniet hekk dwarha:
"L-atturi jikkontendu illi l-konvenut Paul Portelli ma setax iqajjem din l-eccezzjoni ulterjuri permezz tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu . Imma dan mhux minnu, ghaliex l-istess konvenut jaghmel referenza ghal dan il-fatt fl-istess eccezzjoni preliminari tieghu li qed tigi ttrattata f'din is-sentenza, meta jghid illi t-tgawdija ta' bicca raba' formanti parti mil-wirt ma tistghax tinqasam bejn uhud biss fost il-kondividenti."

Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti kienet qeghda tirritjeni li tali eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju <u>kienet inghatat ghaliex kienet kompriza fl-eccezzjoni preliminari surreferita</u> u li kienet giet sollevata mill-konvenut appellat Paul Portelli. Dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kien imur direttament bil-maqlub ta' dak li gie sottomess quddiemha mill-atturi fin-nota responsiva taghhom (a fol. 39 – 43 tal-process) fejn jghidu hekk,
"Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet prezentata mill-konvenut Paul Portelli ghan-nom tal-konvenuti kollha, dan qajjem eccezzoni gdida li ma nghatatx minn hadd fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu cioe` dak li l-gudizzju mhux integru;

"Illi apparti l-fatt li mhux permess illi jinghataw eccezzjonijiet permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet, mhux veru li l-gudizzju mhux integru ghaliex f'din il-kawza hemm il-ko-eredi kollha ta' Salvu u Maria konjugi Portelli, l-aventi kawza tal-kontendenti tar-raba mertu ta' din il-kawza."

11. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar it-tieni parti ta' l-aggravju ta' l-atturi, jidhrilha li ghalkemm <u>fl-eccezzjoni preliminari</u> in ezami ma jintuzax espressament il-kliem "il-gudizzju mhux integru" jew kliem iehor simili, pero` hemm kontenuti fiha termini bizzejjed li jikkomprendu <u>wkoll</u> eccezzjoni ta' din ix-xorta. Fi kliem iehor, minkejja li d-dicitura ma kenitx daqstant wahda cara u inekwivoka, ma

setax jigi ritenut, kif qeghdin isostnu l-atturi appellanti li tali eccezzjoni ma kenitx ukoll tinkwadra ruhha fl-eccezzjoni preliminari in dizamina. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet intitolata tasal ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` ta' gudizzju fil-fatt kienet tifforma wkoll parti integrali mill-eccezzjoni preliminari. Fejn invece din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti huwa l-mod kif din qabdet u ghaddiet mill-ewwel biex tiddelibera u tiddeciedi dwar il-meritu u l-validita` o meno ta' din l-eccezzjoni minghajr ma tat qabel xejn opportunita` xierqa lill-partijiet kontendenti li jinvestu kif imiss l-import ta' eccezzjoni bhal din. Fl-istat ta' incertezza li kien jirrenja sal-mument li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju kienet parti integrali mill-eccezzjoni preliminari, din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-partijiet kellhom tabilhaqq l-opportunita` li jittrattawha. Dan jidher aktar evidenti mill-fatt mhux biss li sal-lum l-atturi ghadhom isostnu li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gudizzju <u>hu</u> integru u mhux bil-maqlub imma talli lanqas biss ma hemm esebit fl-atti mqar kopja tat-testment jew testmenti, jew dokumenti ohra, li juri sewwa sew min ghandu "locus standi" f'din il-kawza. Ma saret l-ebda talba sabiex jigu allegati l-atti tal-kawza l-ohra ta' divizjoni jew talba biex ta' l-anqas issir referenza formali ghalihom. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif, in mankanza ta' tali taghrif essenzjali, l-ewwel Qorti qabdet u ddeliberat li din l-eccezzjoni hija fondata a bazi ta' postilla fir-raba' pagna tas-sentenza taghha bin-numru hamsa (5) li tghid hekk,
"ara okkju tal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti ukoll: Citaz Nru. 70/1993."

Bir-rispett kollu, dan mhux il-mod kif jigu decizi eccezzjonijiet bhal dik in ezami. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti, wara li kienet iddecidiet li l-kawza attrici kellha fondament guridiku u li fl-eccezzjoni preliminari kien hemm ukoll kompriza fiha l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju, kien jinkombi fuqha li tissofferma ruhha hemm u taghti l-opportunita` lill-kontendenti li jitrattaw kif xieraq tali eccezzjoni. Dan ukoll minhabba l-fatt li l-Kodici tal-Procedura kien joffri toroq ohrajn lill-istess partijiet li, fic-cirkostanzi, setghu jiehdu

minghajr ma jippressaw bilfors ghal decizjoni bhal dik mertu ta' dan l-appell.

12. Kwindi hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandha tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Qorti, naturalment prevja r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata dwar l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju ghall-fini ta' trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni. U billi t-tielet, ir-raba u l-hames aggravji ta' l-atturi appellanti jiddiskutu proprju l-meritu ta' din l-eccezzjoni, din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess tlett aggravji.

13. Ghal dawn il-motivi, tilqa' in parte l-appell ta' l-atturi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn gie ritenut li l-atturi setghu jippromwovu l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 494 tal-Kodici Civili (Kap. 16), kif ukoll fejn irriteniet li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju tifforma parti u hija inkluza fl-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Paul Portelli, tirrevokaha u tannullaha f'dik il-parti fejn irriteniet "illi ma gewx citati l-kondividenti (recte: kondividendi) kollha li ghandhom interess fl-atti formanti parti l-eredita` in divizjoni, u ghalhekk il-gudizzju mhux integru …. u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudzzju", u minflok tirrinvija mill-gdid l-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex, wara li taghti l-opportunita` lill-kontendenti biex jitrattaw l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju, tiddeciedi mill-gdid din l-eccezzjoni u tkompli tiddisponi mill-bqija tal-kawza a bazi ta' dak li tkun hekk iddecidiet. In vista tas-suespost, l-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, jigifieri nofs mill-atturi u n-nofs l-iehor mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------